**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' April, 2016**

**Avviz Nru: 124/2003 MLF**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta estera CGU plc ta' Perth Scotland kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Bonfiglioli Engineering Limited skond il-ligi u l-polza (Claim Numru N004339), u b'nota prezentata fis-16 ta' Lulju, 2008 is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti ta' din il-kawza**

**Vs**

**Vella Aluminium Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elfejn, tlett mija u tlett Liri u disgha u tmenin centezmu (Lm2303.89), rapprezentanti danni subiti mill-assigurat rizultanti minn incident ta' nirien li sehh fid-29 ta' Frar, 2000 ghal liema incident kienet unikament responsabbli s-socjeta' konvenuta, u liema danni gew kumpensati mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' 22 ta' Jannar, 2002 u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut (recte socjeta konvenuta).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' Bonfiglioli Engineering Ltd, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-ammont pretiz huwa ezagerat u ma jirrispekkjax il-hsara li garrbet l-imsemmija socjeta'.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta, tat-23 ta' Marzu 2009.[1]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Fid-29 ta' Frar 2000 sehh nar gewwa l-fabbrika tas-socjeta konvenuta li tipproduci aluminium u xoghol tal-hadid, kull ma kien hemm fil-fabbrika inqered bin-nar, u l-fabbrika garrbet hsarat strutturali estensivi.
2. Meta l-fabbrika hadet in-nar, Joseph Vella, direttur tas-socjeta konvenuta kien qed jaghmel *electrostatic spray*, u ma kienx hemm haddiehor jahdem dak il-hin. Hin minnhom sema' spluzzjoni zghira u ra duhhan hiereg minn kamra fejn jithallat it-thinner mal-ispray li jintuza. Meta fetah il-bieba ta' din il-kamra, in-nar li kien hemm

[1] Ara fol. 199 *et seq.* tal-process.

go fiha, evidenzjat mid-duhhan, sar aktar qawwi permezz tal-ossignu u nfirex mal-kumplament tal-fabbrika [2]

3. Is-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited, li kellha l-fabbrika taghha adjacenti ma' dik tas-socjeta konvenuta, allegat li soffriet hsara fil-fabbrika taghha. Skont il-Perit Paul Camilleri, inkarigat minnha din il-hsara kienet tikkonsisti fi hsarat kemm strutturali kif ukoll fis-sistema tal-elettriku, tat-telefon u tal-kompjuters.
4. Is-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited kienet assigurata mas-socjeta attrici GasanMamo Insurance Limited. Dawn il-hsarat gew konfermati mill-perit tas-socjeta attrici, il-Perit Dennis Camilleri, li kkonferma li l-hsarat li kellha s-socjeta assigurata kienu konsegwenza tan-nirien fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta.[3] Is-socjeta attrici kkompensat lis-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited is-somma ta' LM2,303.89, u saret id-debita surroga.
5. Skond ix-xhieda tal-Perit Ivan Coleiro, il-perit tas-socjeta konvenuta, is-socjeta konvenuta kienet tikri l-fabbrika taghha minghand l-Malta Development Corporation.[4]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

<u>*Konsiderazzjonijiet Preliminari*</u>

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tixtieq tirrileva li s-socjeta attrici pprezentat diversi rapporti ta' esperti u xhieda li ttiehdu mill-process tal-inkjesta li saret fuq il-hruq tas-socjeta konvenuta. Wara li inghalqu l-provi, is-socjeta konvenuta qajmet kwistjoni dwar il-valur probatizzju ta' dawn ir-rapporti u xhieda stante li l-esperti u x-xhieda li ttiehdu mill-process tal-inkjesta, ma gewx konfermati bil-gurament f'dawn il-proceduri.

B'sentenza preliminari tat-23 ta' Marzu 2009, din il-Qorti, diversament preseduta, ikkonkludiet hekk *"… … (D)in il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni u applikazzjoni restrittiva u tara li, fl-interess tal-gustizzja, jkun opportun illi jigu prodotti l-esperti u xhieda*

[2] Ara xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma a fol. 251 u dik tal-Perit Ivan Coleiro a fol. 184 tal-process.
[3] Ara rapport tal-Perit Dennis Camilleri a fol. 27 tal-process.
[4] Ara fol. 185 tal-process.

*kollha nominati u li nstemghu fl-istess inkjesta, hlief ghal dawk li gja gew prodotti u xehdu "viva voce" quddiem din il-Qorti."*.[5]

Sussegwentament ghal din is-sentenza, mill-esperti u xhieda kollha nominati fl-inkjesta, xehdu biss il-Perit Richard Aquilina, is-Scene of Crime Officer Patrick Farrugia u l-Ispettur Dennis Theuma. In vista ta' dak li rriteniet din il-Qorti, fis-sentenza preliminari fuq imsemmija, din il-Qorti m'ghandhiex xelta hlief li tiskarta l-bqija tar-rapporti tal-esperti nominati u tax-xhieda mismugha fl-inkjesta, minkejja li r-rapporti u xhieda taghhom tinsab fil-process.

Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li fin-nota ta' osservazzjonijiet finali taghha, is-socjeta konvenuta tat effettivament eccezzjoni ulterjuri fis-sens li ladarba, skond hi, is-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited ma kienitx is-sid, izda biss l-inkwilina tal-fabbrika, li kienet proprjeta dak iz-zmien ta' Malta Development Corporation, is-socjeta attrici, bhala s-socjeta surrogata ma setghetx tistitwixxi dawn il-proceduri ghad-danni kontra s-socjeta konvenuta, ghax huwa biex persuna tfittex ghad-danni trid tkun is-sid li garrab il-hsara. Is-socjeta konvenuta qed tibbaza din l-eccezzjoni taghha, fuq il-fatt li ma ngabitx prova li s-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited kienet is-sid tal-fabbrika, u mid-dokumenti ezebiti fl-inkjesta.

Issa mid-dokumenti ezebiti fl-inkjesta li din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni taghha, in vista tar-restrizzjoni imposta fuqha bis-sentenza preliminari tal-2009, ma jirrizultax li s-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited kienet inkwilina tal-fabbrika. Pero huwa veru li ma ngabet l-ebda prova li din is-socjeta kienet is-sid tal-fabbrika. L-unika prova li ngabet kienet li s-socjeta konvenuta kienet inkwilina tal-fabbrika fejn kienet tahdem u li inharqet.

Is-socjeta konvenuta tikkonkludi n-nota ta' sottomissjonijiet taghha stess billi tissottometti illi ghal din ir-raguni hi mhix responsabbli versu s-socjeta attrici ghad-danni sofferti minn Bonfiglioli Engineering Limited, *"b'dan illi l-eccezzjoni tas-socjeta esponenti ghandha tigi akkolta."*[6]

---

[5] Ara fol 199-201 tal-process.
[6] Ara fol. 303 tal-process.

Il-Qrati Maltin ippronunzjaw ruhhom diversi drabi fuq eccezzjonijiet li jitqajjmu fi stadju ulterjuri tal-kawza. Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[7] fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** fis-7 ta' Dicembru 2005, gie ritenut is-segwenti:

*"B'introduzzjoni ghall-ezami u decizjoni tal-ewwel aggravju jigi qabel xejn notat illi skond kif provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta;*

*L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell in re "**John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi nomine**", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota tal-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "<u>kollha</u>", sew dilatorji, sew dwar il-meritu;*

*Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita."* Konsegwentement ma hemmx dubbju li din hija eccezzjoni ulterjuri moghtija mis-socjeta konvenuta fin-nota ta' osservazzzjonijiet finali taghha.

Fis-sentenza in parte fl-ismijiet **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) irriteniet hekk:

---

[7] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*"L-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kemm dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta, b'dana li l-Qorti tista`, meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta ssir talba b'rikors. Dawn il-provvedimenti ma japplikawx ghall-eccezzjonijiet ta' natura perentorja li, skond l-Artikolu 732 jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[8] fil-25 ta' Frar 2004 fl-ismijiet: **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Raymond Azzopardi** fejn gie ritenut hekk:
*« Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap. 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas fid-dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez. Vol. XXXIV p1 p410 u Vol. XXXVIII pII p583).*

*Il-kwestjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku kellha titqajjem "ope exceptionis" in kwantu din fis-sustanza vera taghha hi ta' indoli procedurali u preliminari li ma setghetx aktar titqajjem fi stadju inoltrat tal-proceduri."*

Fil-kaz odjern, is-socjeta konvenuta tista' forsi targumenta illi hi ma tatx din l-eccezzjoni ulterjuri fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha, ghaliex ma kinietx taf jekk is-socjeta attrici kienitx se ggib prova li Bonfiglioli Engineering Limited kienet is-sid tal-fabbrika. Izda meta is-socjeta attrici ghalqet il-provi, minghajr ma gabet din il-prova, ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lis-socjeta konvenuta li tipprezenta rikors fejn titlob li tissolleva din l-eccezzjoni ulterjuri. Dan is-socjeta konvenuta m'ghamlitux.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament tal-gurisprudenza fuq kwotata, din il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta konvenuta sollevata fi stadju inoltrat tal-

[8] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

proceduri, u senjatament fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, u dan minghajr il-permess ta' din il-Qorti.

*Il-Meritu*

Il-perit tas-socjeta konvenuta, Ivan Coleiro, xehed li fl-opinjoni tieghu, id-danni kienu kagunati min-nirien mis-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited kienu ta' *« natura kosmetika u xejn strutturali. »*.[9] Pero dan hu kontradett mir-rapport kemm tal-perit tas-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited, il-Perit Paul Camilleri, kif ukoll mill-perit tas-socjeta attrici, is-socjeta assiguratrici, il-Perit Dennis Camilleri. Meta wiehed iqis l-entita tad-danni strutturali u interni li soffriet il-fabbrika tas-socjeta konvenuta, kif deskritti fir-rapport tal-espert Perit Richard Aquilina, li kien nominat fl-inkjesta,[10] il-versjoni tal-Periti Paul Camilleri u Dennis Camilleri huma hafna iktar kredibbli.

Pero tibqa' l-kwistjoni jekk is-socjeta konvenuta hix responsabbli ghan-nirien li hakkmu l-fabbrika taghha. Fil-kaz odjern, huwa rilevanti l-insenjament fis-sentenza **Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et**, deciza fit-3 t'Ottubru 2003, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] irriteniet hekk :
*« L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";*

*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu;*

*Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-*

[9] Ara fol. 186 tal-process.
[10] Ara fol. 92 *et seq.* tal-process.
[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali;*

*Jidhru, imbaghad, skond id-duttrina legali illi jezistu kriterji ohra li jaghmlu riferiment ghall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illecitu, huma rikonoxxuti u accettati wkoll aspetti ta' responsabilita` specjali in rigward ghall-evitabilita` tal-hsara.*

*Jinghad a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Annunziato D'Amato et –vs- Joseph Camilleri et",** Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 illi "meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, irresponsabilita` ta' min ghamel dak l-att hija assoluta; u min irid jehles minn dik ir-responsabilita` hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-vis major";*

*… …*

*Ma ghandux ikun dubitat illi meta wiehed jizvolgi attivita` li minn natura stess taghha u tal-mezzi adoperati tista' titqies perikoluza, bhal fil-kaz tal-hruq tal-loghob tan-nar, huwa jenhtieglu jiddimostra li ha hsieb japplika l-mizuri idonei u l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevita l-hsara.*

*L-oneru ta' prova bhal din tispetta lilu u ghandha tkun ukoll wahda rigoruza. Xejn ma tiswa' s-semplici prova negattiva illi hu ma kkommetta l-ebda vjolazzjoni ta' dover, izda jinkombi fuqu li juri manifestament u bi prova pozittiva, illi huwa addotta kura u prudenza biex jilqa' kontra l-possibilita` ta' konsegwenzi dannuzi;*

*Huwa ghalhekk ta' utilita` f' dan l-istadju li jigu accertati dawk il-fatti dimostrattivi tan-ness ta' kawzalita` ta' l-istess fatti in relazzjoni ghall-kondotta tal-konvenuti, jew ta' l-attur innifsu, ma' l-event dannuz. Fi kliem iehor, jokkorri li jigi individwat jekk l-inosservanza ta' l-obbligu posittiv tal-kondotta, fuq il-bazi tal-gudizzju tal-kawzalita`, ikkonducietx ghall-event dannuz;"*

Issa fil-kaz odjern, ma hemmx dubbju li fil-kaz odjern l-*electrostatic paint*, li kienet taghmel is-socjeta konvenuta, huwa xoghol perikoluz u riskjuz ghar-ragunijiet li se jigu spjegati iktar l'isfel. Skond ix-xhieda tal-perit tas-socjeta konvenuta, il-Perit Ivan Coleiro, li kien fil-

fabbrika meta sehh l-incident, l-unika persuna li kienet qieghda tahdem dak il-hin kien Joseph Vella (is-sid tas-socjeta konvenuta), li kien qieghed jissprejja u skond ix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma kien qed jaghmel xoghol ta' electrospraying. Joseph Vella ma telax jixhed f'dawn il-proceduri.

Ghal ragunijiet li inghataw aktar il'fuq, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tar-rapporti u x-xhieda li inghataw fl-inkjesta, u li ma gewx jixhdu f'dawn il-proceduri, u ghalhekk il-Qorti jkollha toqghod fuq provi ohra – anke jekk forsi m'humiex l-ahjar prova – li ngabu f'dawn il-proceduri. John Galdes, senior manager tas-socjeta attrici xehed li meta huwa mar fuq il-post, huwa tkellem mal-Engineer Ronnie Bezzina li kien l-Operations Manager tas-socjeta assigurata. Dan l-Engineer qallu li s-socjeta konvenuta kellha magna li taghmel electro-static paint li permezz tieghu z-zebgha tigi elettrifikata biex b'hekk tehel mal-aluminium u l-azzar li jkun qed jigi sprejjat u li zebgha ta' dan it-tip huwa volatili u facilment jiehu n-nar. Din ix-xhieda ta' John Galdes ma giet bl-ebda mod kontradetta mis-socjeta konvenuta.

Lanqas hu kontestat li fil-hin tal-incident kien Joseph Vella biss, sid u direttur tas-socjeta konvenuta li kien qed jissprejja. Ghalkemm mill-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma ghandhiex prova x'kien li kkaguna t-tqabbid tan-nar, fuq bazi ta' probabbilita, jirrizulta li Joseph Vella ma ezercitax id-diligenza ta' *bonus pater di familias* waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol tal-*electro static paint*, li hija zebgha volatili u facilment tiehu n-nar. Joseph Vella ma ressaq l-ebda prova sabiex jipprova li n-nar ma giex kagunat mix-xoghol ta' spraying li kien qed jaghmel, izda ghal xi raguni ohra li fuqha ma kellux kontroll. Huwa lanqas ressaq xi provi sabiex jiddimostra li, waqt li kien qed jisprejja, ha hsieb japplika l-mizuri idonei u l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevita li b'xi mod jitkebbes in-nar – kif kien obbligu tieghu li jaghmel fic-cirkostanzi.

Konsegwentement, il-Qorti issib li s-socjeta konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited.

Rigward il-likwidazzjoni tad-danni, John Galdes, is-senior manager tas-socjeta konvenuta xehed li dwar il-quantum tad-danni kien hemm kuntrast bejn l-istima maghmula mill-Perit tal-klijent il-Perit Paul Camillieri u dik maghmula mill-Perit inkarigat mis-socjeta attrici, il-Perit Dennis Camilleri u eventwalment kien hemm kompromess fuq l-ammont ta'

LM2,303.89 u l-hlas sar fit-8 ta' Mejju 2001.[12] Ghalhekk, jirrizulta li s-socjeta attrici stess irriduciet ghal somma realistika l-ammont ta' danni li kienet qed tippretendi is-socjeta Bonfiglioli Engineering Limited.

Ghalkemm fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha, is-socjeta konvenuta eccepiet li dan l-ammont kien eccessiv, hija ma gabet l-ebda prova sabiex turi ghaliex dan l-ammont kien eccessiv. Jekk ir-raguni wara din l-eccezzjoni kienet l-allegazzjoni tal-Perit Ivan Coleiro li l-hsara li sofriet is-socjeta assigurata kienet wahda kosmetika, din il-Qorti diga qalet li fl-opinjoni taghha din l-allegazzjoni hija wahda infondata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti :

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha ;
2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tas-socjeta konvenuta;
3. Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' hamest elef tlett mija u sitta u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€5366.62) - ekvivalenti ghas-somma ta' elfejn, tlett mija u tlett Liri Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm2303.89) - bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' 22 ta' Jannar, 2002 u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Deputat Reġistratur**

[12] Ara xhieda ta' John Galdes a fol 49-50 tal-process.